TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/227/16/S

Jason u Catherine konjugi Farrugia

Vs

Portelli & Brincat Ltd

Illum 27 ta'Lulju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Jason u Catherine konjugi Farrugia pprezentata filt-25 ta'Novembru,2016 filwaqt li s-socjeta Portelli & Brincat Ltd, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deheret quddiem dan it-Tribunal;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tal-15 ta'Gunju,2017;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ordni ta' "roman blind" tal-elettriku u li minhabba li trid tohrog ftit 'il barra, baqa' jidher ftit dawl;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba rikorrenti u lanqas deheret ghas-seduta li saret;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik rikorrenti li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjegat kif waslet ghat-talba mitluba u pprezentat id-dokumentazzjoni relattiva;

Illi min-naha l-ohra s-socjeta intimata ma deheritx biex titfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex taghti l-verzjoni taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Jason u Catherine konjugi Farrugia u Jordna lis-socjeta Portelli & Brincat Ltd thallas lil Jason u Catherine konjugi Farrugia s-somma ta' €174.30 kif konfermata bid-dokumentazzjoni pprezentata, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta intimata.

Richard Sladden Av.
Arbitru